# Beati u Qaddisin....Settembru

## San Pietru Claver il-Kbir 9 ta' Settembru

Twieled gewwa Barcellona fi Spanja fil-25 ta' Gunju 1580. Dahal Gizwita meta ghamel l-ewwel voti tieghu fis-sena 1604. Bejn is-sena 1605 u 1608 huwa studja il-filosofija gewwa Palma di Majorica. Kien ordnat sacerdot gewwa Cartagena fil-Kolumbja fis-sena 1616. Il-hidma tieghu ta' missjunarju svolgiha fl-istess post qalb l-iskjavi suwed migjuba gewwa l-Kolumbja mill-Afrika. Hemm huwa kien jilmah it-tbatija taghhom li kienu jgarrbu minhabba l-maltrattamenti li kienu jghaddu minnhom. Mill-ahjar li



seta huwa kien jaqsam din it-tbatija maghhom anke meta c-cirkustanzi kienu jkun ta' minn jistmellhom. Kien jinzel jistenna d-dhul ta' kull vapur mimli bl-iskjavi biex wara li jwennes lil dawk ta' fuq il-gverta, kien jizel imbaghad go l-istiva halli jikkura lil dawk li kienu jimirdu waqt il-vjagg li kien jiehu hafna zmien. L-interpreturi kienu jitwerwru jinzlu mieghu ghax is-sitwazzjoni kienet wahda li tqallek. L-missjoni tieghu kien jibdha dejjem billi l-ewwel iqassam xi ikel materjali li hu jkun gabar minghand li uhud ta' qalb tajba u li kienu jqisu x-xoghol tieghu bhala wiehed ta' fejda kbira. Kienet hafna qhal qalb il-kura spiritwali taghhom. Huwa ha l-vot li jkun l-iskjav ta' l-iskjavi. Tghallem il-lingwa taghhom

ta’ l-Angola biex ikun jista jidhol fil-qalbha u jifhem ahjar il-problemi taghhom. Izda sfortunatament huwa ha il-marda tal-pesta u kellu jissaporti hafna il-maltrattamenti ta’ l-infermier li kien jiehu hsiebu: wiehed iswed. Miet meta kellu 74 sena u kien ikkanonizat fl-1888 ma’ Alfonso Rodriguez. Il-Papa Ljun XIII ipproklamah patrun tal-missjoni fost in-nies tal-gilda skura.